**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 32/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Raymond Charles Buttiġieġ**

Illum 28 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Raymond Charles Buttiġieġ detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 441268M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar is-16 ta' Lulju 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel permezz ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma' persuna ta' taħt l-età bil-ħsieb li jwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A u dik il-proposta ġiet segwita b'atti materjali li wasslu għal dik il-laqgħa.
>
> Aktar talli fl-istess ċirkostanzi bħala persuna f' Malta, għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuna taħt l-età.

Aktar talli fl-istess ċirkostanzi, għal qligħ, jew tqassim, jew għal wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għal pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'oħra għamel, jew daħħal f'Malta, jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, tpinġija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

Aktar talli fl-istess ċirkostanzi akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indeċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-età.

Aktar talli fl-istess ċirkostanzi ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-età u ċioe' AA minuri ta' 15 il-sena; BB minuri ta' 15 il-sena; CC minuri ta' 16 il-sena u DD minuri ta' 17 il-sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2019 li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 208AA (1), 208A(1), 208A(1B) u 204C(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tlett (3) snin priġunerija. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni ingħatat bħala alternattiva għat-tieni (2) u għar-raba' (4) imputazzjoni li tagħhom l-imputat instab ħati l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta sentejn (2) fejn il-persuni protetti huma AA, BB, CC u DD.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

Sabiex tiġi protetta l-identità tal-minuri l-Qorti ordnat d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha fi kwalunkwe mezz ta' kommunikazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti poġġiet lill- imputat taħt l-Ordni ta' Trattament għall-perjodu ta' sentejn (2) taħt il-kura tal-psikoterapista Charles Cassar u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef, tlieta u ħamsin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3053.25) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti ordnat l-konfiska ta' Dok JB5 sa Dok JB35 u ordnat wkoll id-distruzzjoni tal-materjal indeċenti li jinsab fuq l-imsemmija esibiti liema distruzzjoni għandha ssir mill-espert Anthony Spiteri u ko-ordinata mir-Reġistraturi tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Charles Buttiġieġ, ppreżentat fil-5 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena infitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntenta l-appellant jilmenta b'mod ewlieni illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li ġew mismugħa quddiemha u anke

applikat il-liġi b'mod erronju għal dawn il-fatti hekk riportati. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha.[1]

Magħdud dan il-Qorti xortawaħda eżaminat l-atti kollha tal-kawża u dan sabiex jiġi indirizzat dan l-aggravju, b'mod ewlieni meta l-appellant jilmenta illi huwa ma kellux ix-xjenza illi l-ġuvintur li magħhom kellu inkontri sesswali kienu tal-età ta' taħt is-sittax-il sena, u ukoll illi hemm dubbju dwar jekk f'dawn l-inkontri kienitx isseħħ dik l-attività sesswali li titkellem dwarha il-liġi billi l-ebda definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi dan l-att materjali ma hija maħsuba mill-leġislatur. Mhux biss iżda jinsisti illi l-element doluż huwa nieqes u dan għaliex l-atti impudiċi seħħew bil-kunsens tal-minuri u f'xi okkażjonijiet anke fuq istigazzjoni tagħhom stess.

Illi l-appellant fil-fatt ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti tar-reat maħsub fl-artikolu 208AA u 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali bil-Qorti tapplika din l-aħħar dispożizzjoni tal-liġi kif introdotta permezz ta'l-Att XIII tal-2018 billi din hija aktar favorevoli għall-appellant stante illi l-attività sesswali ma' persuni ta' sittax-il sena 'il fuq illum ma għadhiex aktar prosegwibbli kriminalment.

Issa huwa minnu illi l-liġi ma tagħti ebda definizzjoni ta' dak li għandu jikkostitwixxi attivitajiet sesswali, kif lanqas hemm indikat fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, bl-artikolu 2 jiddisponi ili:

> **Offiżi dwar sfruttament sesswali tat-tfal:**
> **Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-imġieba intenzjonata li ġejja tkun ikkastigata (punibbli):**
> **(a) sfurzar ta' wild għall-prostituzzjoni jew għall-ipparteċipar f'rappreżentazzjonijiet pornografiċi, jew qligħ minn jew sfruttar b'mod ieħor ta' wild għal għanijiet tali;**
> **(b) irreklutar ta' wild fil-prostituzzjoni jew fl-ipparteċipar f'rappreżentazzjonijiet pornografiċi;**
> **(ċ) għemil ta' attivitajiet sesswali ma' wild, fejn**
> > **(i) isir użu minn sfurzar, forza jew theddid;**
> > **(ii) flus jew għamliet oħra ta' remunerazzjoni jew ħlas jingħata bħala pagament fi skambju għall-wild li jagħmel attivitajiet sesswali; jew**
> > **(iii) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorita jew influwenza fuq il-wild**.

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jemerġi illi l-appellant kellu ġibda ta' natura sesswali lejn ġuvintur adolexxenti. Dan huwa jammettieh fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija. Jidher ukoll illi din il-ġibda sesswali kienet tissarraf ukoll f'element kważi ossessiv fuq pornografija marbuta ma'pedofelija fejn l-appellant kien ifittex dan il-materjal fuq l-*internet* u anke jaqsmu ma' terzi permezz tal-*platform* bl-isem *GigaTribe* fejn kien isir *peer-to-peer sharing* tas-*software.* Fil-fatt jidher illi saħansitra huwa kien jiċċettja ma' nies oħra bil-*username* użat minnu "*man4boys*". Minn dawn iċ-*chats* huwa evidenti li l-appellant kien ifittex materjal pornografiku marbut ma' tfal żgħar u anke trabi. Kien hemm okkażjonijiet fejn l-appellant kien jissejvja dan il-materjal fuq il-*hard drive* u anke jikkupjah u jgħaddieh lil ħabib tiegħu, ċertu George Bezzina. Fil-pussess tal-appellant *di fatti* jinstab materjal pornografiku marbut mal-pedofilija u dan kif jirrizulta mix-xiehda ta' PS153 Lydon Zammit adett mal-iSkwadra ta' kontra il-Vizzji, kif ukoll mir-rapport tal-espert tal-informatika maħtur mill-Qorti, Anthony Spiteri, li jikkonkludi hekk fir-rapport tiegħu:

> **"Dok JB6 kien fih ritratti u videos pornografiċi tal-minuri, ukoll instab il-programm Gigatribe li kien jintuża biex isir chatting ma' nies li kellhom interessi u ukoll biex iniżżel u iqassam ritratti u videos li fihom IIOC[2].**

---

[2] *Indecent images of children*

**Instabu ukoll xi chat logs tal-programm MIRC u dahhal go channels li kien dwar il-pedofilija.**

**Fuq l-External Drive immarkat Dok JB7 instab numru kbir ta' videos u ritratti li huma IIOC. Jidher ukoll li dawn il-files kienu qeghdin jigu shared ma' nies ohrajn bil-programm Gigatribe li kien installat fuq il-PC (DOk JB6).**

**Instabu aktar videos fuq id-DVDs u CDs li kienu parti minn DokJB9 u Dok JB27 li huma IIOC."**

Illi imbagħad mix-xiehda tal-minuri BB[3] u AA[4] jirriżulta illi kienu jseħħu inkontri bejnhom u l-appellant fejn kienet isir attività ta' natura sesswali li għalih l-appellant kien joffri ħlas lil dawn it-tfal. Jirrizulta illi BB u AA fi żmien il-kummissjoni ta' dawn l-atti impudici, konsistenti fil-maġġior parti f'attività ta' sess orali u masturbazzjoni reċiproka, kellhom ħmistax-il sena. Illi mic-*chats* mniżżla mil-*facebook page* tal-appellant jirriżulta illi kien hemm okkażjonijiet fejn kien l-appellant li jistieden lil dawn il-minuri biex jiltaqgħu miegħu u kien hemm okkażjonijiet oħra fejn huma kienu javviċinawh għal xi inkontru, u dan għaliex, kif jistqarru huma stess, kien ikollhom bżonn il-flus. Dawn il-laqgħat seħħew f'iktar minn okkażjoni waħda.

Illi huwa indubitat illi l-atti impudiċi li kienu jseħħu bejn l-appellant u l-minuri kienu ta' natura sesswali. L-artikolu 78 tas-*Sexual Offences Act 2003* tal-Ingilterra jipproponi test doppju sabiex jiġi stabbilit jekk l-atti jistgħux jitqiesu li huma ta' natura sesswali:

***78"Sexual"***

*For the purposes of this Part (except sections 15A and 71), penetration, touching or any other activity is sexual if a reasonable person would consider that—*

*(a)whatever its circumstances or any person's purpose in relation to it, it is because of its nature sexual, or*

*(b)because of its nature it may be sexual and because of its circumstances or the purpose of any person in relation to it (or both) it is sexual.*

L-artikolu 9 imbagħad jitkellem fuq dak li jikkostitwixxi attività sesswali ma' minuri meta hemm dispost:

*(1)A person aged 18 or over (A) commits an offence if—*

*(a)he intentionally touches another person (B),*

---

[3] Fol. 24 et seq.
[4] Fol. 42 et. seq.

*(b)the touching is sexual, and*

*(c)either –*

*(i)B is under 16 and A does not reasonably believe that B is 16 or over, or*

*(ii)B is under 13.*

*(2)A person guilty of an offence under this section, if the touching involved –*

*(a)penetration of B's anus or vagina with a part of A's body or anything else,*

*(b)penetration of B's mouth with A's penis,*

*(c)penetration of A's anus or vagina with a part of B's body, or*

*(d)penetration of A's mouth with B's penis,*

*is liable, on conviction on indictment, to imprisonment for a term not exceeding 14 years.*

Illi din ir-referenza tista' isservi bħala linja gwida sabiex timtela il-*lacuna* fil-liġi penali nostran bil-liġi brittanika tagħti indikazzjoni tan-natura sesswali tal-atti inkriminatorji, haġa li l-leġislatur Malti jonqos milli jagħmel.

Issa huwa indubitat illi l-intenzjoni wara l-inkontri li kienu jseħħu bejn l-appellant u l-minuri kien wieħed ta' natura sesswali intiż biex jissodisfa iż-żina tal-appellant u il-ġibdiet sesswali tiegħu. Dan jammettieh hu stess meta, fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, jindika illi huwa kellu ġibdiet ta' natura sesswali lejn subien adolexxenti. Illi imbagħad il-materjal pornografiku marbut ma pedofilja li ġie misjub fil-pussess tal-appellant ikompli isaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellant kien ifittex din il-gratifikazzjoni sesswali. In-natura ta'l-atti ukoll kien wieħed sesswali tenut kont illi kien iseħħ sess orali bejnu u il-minuri u anke masturbazzjoni reċiproka, kif ingħad, bl-appellant anke juri materjal pornografiku lil dawn il-minuri x'aktarx biex iħeġġiġhom u iħajjarhom ikomplu miegħu.

Illi l-Qorti lanqas ma tista' tilqa' l-argument difenzjonali sollevat illi l-appellant ma kienx jaf li dawn il-minuri kellhom inqas minn sittax-il sena. L-appellant igħid hekk fl-istqarrija tiegħu:

**"M: L-iżgħar li kellek x'taqsam miegħu sesswalment kemm kellu żmien?**

**T: Xi erbatax ngħid jien, xi erbatax. Issa jekk fallieli imma żgur ħadd ma kienx inqas minn tlettax ħa ngħid hekk żgur mija fil-mija, xi erbatax.[5]"**

U jkompli iżid;

**Dawn affarijiet li ġraw għax hawn gays illum ta' erbatax, ħmistax-il sena li jibdew jesprimu s-sesswalita' tagħhom u jkollhom xewqa kif jien nħobb ġuvni aw ġuvintur jħobbu rġiel kbar.[6]"**

Mhux biss, iżda għalkemm huwa minnu li dawn il-minuri kienu konsenzjenti fl-attivitajiet sesswali li kienu jseħħu, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-appellant kien jisfrutta l-vulnerabilità tagħhom u iħajjarhom permezz tal-flus biex jaqduh fil-ġibdiet sesswali tiegħu. Fil-fatt jidher illi fl-okkażjonijiet meta kienu huma li javviċinawh dan kien iseħħ għax kien ikollhom bżonn il-flus. Igħid hekk fl-istqarrija tiegħu dwar il-*modus operandi* tiegħu:

**"Le bażikament inti ssir taf li ġuvni jhawwad nghidu fit-terminologija taghna fhimt, tikkuntattjah ighidlek iwa jew le fhimt. Tisma' li jhawwad ghax Malta zghira dika jiġifieri biss biss ighidlek jiena ltqajt ma' dak u jiena ltqajt mal-iehor fhimt, tkellmu u jekk jaċċetta jiġi u jekk ma jaċċettax ma jaċċettax uh. Ħafna drabi ukoll, mhux ħafna drabi jista' jkunu każijiet jafu bina huma u javvicinawna huma stess tifhem, tahdem both ways.[7]"**

Illi għalhekk l-Qorti m'għandhiex dubbju illi l-appellant kien jaf ben tajjeb kemm kellhom età il-ġuvintur adolexxenti li huwa kien jistieden għall-attivitajiet sesswali miegħu. Dawn kienu kollha żagħżagħ li minħabba l-vulnerabilità tagħhom u l-problemi li kellhom, kien ikollhom bżonn il-flus u għalhekk kienu jirrikorru għal din l-attività biex jaqilgħu xi ħaġa tal-flus minn persuni bħall-appellant li kienu lesti biex jisfruttawhom. Il-fatt li dawn il-minuri kienu konsenzjenti u kienu jissottomettu ruħhom għax-xewqat libidinużi tal-appellant ma tnaqqasx mir-responsabbiltà kriminali tiegħu. Fil-fatt l-appellant, kif ingħad, ġie misjub ħati tar-reat maħsub fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali u mhux dak tal-korruzzjoni tal-minorenni fejn allura l-element tal-korruzzjoni huwa essenzjali. Bil-parteċipazzjoni waħedha tal-awtur tar-reat f'attivitajiet sesswali ma' minuri, r-reat jiġi ikkonsmat. Illi ukoll meta l-

[5] Fol.200
[6] Ibid
[7] Fol.199

appellant ippropona lil minuri permezz tal-*facebook* u messaġġi oħra elettroniċi sabiex jiltaqgħu, liema proposta fil-fatt ġiet segwita b'inkontru wiċċ'imb wiċċ, hawnhekk ukoll ir-reat maħsub fl-artikolu 208AA sab il-milja tiegħu.

Illi d-dibattiti parlamentari marbuta mal-introduzzjoni mil-leġislatur ta' dan ir-reat jindikaw x'kien il-ħsieb warajh meta ingħad hekk mill-Onor Carmelo Mifsud Bonnici, dak iż-żmien Ministru tal-Ġustizzja:

> **"L-ewwel pass 'il quddiem li qegħdin nagħmlu f'din id-direzzjoni huwa intenzjonat sabiex nagħtu protezzjoni aqwa lit-tfal. Jidhrilna li fid-dinja tal-lum il-minuri huma esposti għal riskji ġodda li ġew proprju minħabba t-teknoloġija moderna. Dawn ir-riskji llum huma ta' periklu kbir u dehrilna li għandna nagħmlu l-passi leġislattivi neċessarji sabiex inkunu nistgħu nikkontrastawhom.**
>
> **Dan nagħmluh billi nattakkaw żewġ setturi li għalija huma importanti ħafna, l-ewwel nett l-abbuż tat-tfal fis-settur tal-pornografija, jiġifieri li t-tfal jiġu wżati fil-films li huma marbuta ma' pornografija. ..... It-tieni pass importanti li qegħdin nagħmlu huwa marbut mas-sollecitar ta' minuri fuq l-internet biex tiltaqa' magħhom jew għal raġunijiet oħrajn marbutin mar-reati li huma kontra l-unur tal-familja, reati sesswali u reati li jnaqqsu mill-ġieħ tas-soċjetà tagħna.**
>
> **Jidhrilna li dawn iż- żewġ passi huma importanti ħafna fiż-żmien tal-lum. It-teknoloġija moderna hija qawwija u qiegħda tidħol direttament fid-djar tagħna. [8]"**

Mhux biss iżda bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja il-leġislatur kellu neċessarjament jimplimenta fil-leġislazzjoni domestika id-dritt komunitarju in materja li f'dak iż-żmien kien maħsub fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, liema Deċiżjoni Kwadru ġiet sostitwita bid-Direttiva 2011/92/EU. Fl-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru intitolat, "***Instigation, aiding, abetting and attempt***", hemm dispost illi:

Seduta Parlamentari tat-23 ta' Marzu 2010[8]

*"1. Each Member State shall take the necessary measures to ensure that the instigation of, or aiding or abetting in the commission of an offence referred to in Articles 2 and 3 is punishable.*

*2. Each Member State shall take the necessary measures to ensure that attempts to commit the conduct referred to in Article 2 and Article 3(1)(a) and (b), are punishable.*

Dan ifisser illi l-att materjal jikkonsisti f'dawk l-atti preparatorji li fihom infushom jistgħu iwasslu għal kummissjoni tar-reat maħsub, f'dan il-każ fl-artikolu 208AA tal-Kodiċi Kriminali, mingħajr l-ħtieġa illi effettivament isseħħ xi attivita' sesswali. Illi, allura, l-malvivent jilħaq l-għan kriminuż tiegħu hekk kif iħajjar lil minuri, bl-att materjal iwassal għal din il-laqgħa kif proposta.

Illi l-mira tal-leġislatur hija dik li jiġu mħarsa il-minuri minn kull għemil li jista' iwassal għall-esplojtazzjoni tagħhom u tas-sesswalita' tagħhom. Illi huwa indubitat illi l-għan wara l-għemil tal-appellant kien wieħed ta' esplojtazzjoni u dan għal gratifikazzjoni sesswali tiegħu. Kwindi l-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti setgħet kemm legalment kif ukoll fattwalment issib ħtija għal dawn iż-żewġ reati u dan l-aggravju qed jiġi għalhekk miċħud.

Ikkunsidrat;

Illi l-impunjattiva mqanqla mill-appellant marbuta mal-materjal pornografiku li instab fl-apparat elettroniku elevat mill-pussess tiegħu, hija diretta sabiex ixejjen din il-prova magħmula permezz ta' dawn l-ezebiti meta jilmenta illi ma kienx hemm kontinwita' fil-kustodja tagħhom mill-mument li ġew elevati sa ma wasslu f'idejn l-awtorità tal-Qorti u għalhekk illi 'l hekk imsejħa *chain of custody* ġiet miksura u l-prova magħmula permezz tagħhom inammissibbli.

Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi mill-pussess tal-appellant ġie elevat għadd ġmielu ta' apparat elettroniku, kotba, DVDs u CDs. Dawn ġew elevati minn PS153 Lydon Zammit u WPC186 Dorianne Tabone fil-presenza tal-appellant. Mix-xhieda ta' PS153 jidher illi dawn l-oġġetti ġew eżaminati minnu, liema uffiċjal tal-pulizija kien

imbagħad preżenti meta l-appellant ġie interrogat mill-Ispettur Joseph Busuttil. Wara dan l-oġġetti elevati ġew kollha eżebiti in atti mill-iSpettur Joseph Busuttil fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2016 meta sussegwentement ġew mgħoddija lill-espert nominat mill-Qorti Anthony Spiteri għall-eżami forensiku. Illi kien l-appellant stess li għadda il-password lil PS153 sabiex dan ta'l-aħħar seta' jikseb aċċess għal materjal maħżun fil-*facebook page* tal-appellant. Illi minn dawn il-fatti probatorji għalhekk, il-Qorti ma tarax illi kien hemm xi nuqqas fil-ħażna mill-pulizija tal-materjal elevat li ġie eżebit fl-intier tiegħu quddiem il-Qorti kif jirrizulta mir-riċevuta esibita u kkonfermata bil-ġurament minn PS153. Kwindi anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud. Finalment lanqas ma hemm dubbju li l-appellant xerred il-materjal pornografiku li huwa niżżel minn fuq l-*internet* meta *ex admissis* igħid illi dan il-materjal kien iżommu fuq il-*hard drive* u jikkuppjah sabiex igħaddieh lil ċertu George Bezzina. *Ex admissis* igħid ukoll li kien jaqsam materjal pornografiku konċernati pedofilija ma' terzi fuq il-*platform* tal-*Gigatribe* li jipprovdi għal *peer-to-peer sharing*. Mhux biss iżda jirrizulta anke mix-xhieda tal-minuri li hu kien jara dan il-materjal pornografiku flimkien magħhom meta kien jistedinhom id-dar tiegħu. Kwindi anke l-imputazzjonijiet marbuta mar-reati imfassla fl-artikoli 208A jirriżultaw ippruvati.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biex jiġi trattat l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin priġunerija. L-appellant iqis illi l-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-aspett reformattiv u mhux dak retribbuttiv, iktar u iktar meta jirriżulta kemm mix-xiehda tal-psikoterapista li qed isewgieh Dr. Charles Cassar, kif ukoll mis-*social enquiry report* imhejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rhona Custo', li hu qed jindirizza l-problemi psikoloġiċi li qed ibati minnhom u illum għandu hajja stabbli b'impjieg fiss u relazzjoni b'saħħitha mas-sieħeb u l-familja tiegħu, fejn allura ma għadux ta' periklu għas-soċjetà. Id-difiża tqies ukoll li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-attività sesswali mal-minuri kienet waħda konsenzjenti fejn kien hemm okkażjonijiet fejn kienu il-minuri stess li kienu jfittxu l-kumpanija tal-appellant.

Illi r-reat maħsub fl-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali, fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat kien iġorr il-piena ta' priġunerija sa massimu ta' ħames snin, bl-artikolu 208AA jaħseb għal piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa erba' snin, l-artikolu 208A(1) il-piena ta' priġunerija  minn tnax-il xahar sa ħames snin u finalment ir-reat maħsub fl-artikolu 208A(1B) tal-Kodiċi Kriminali iġorr il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tlett snin. Illi allura l-piena ta' tlett snin priġunerija hija waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi u l-Qorti ma tista' tara ebda motiv li jista' iwassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni ezerċitata mill-Ewwel Qorti li ukoll kellha okkażjoni tisma' lil Dr Charles Cassar u l-Uffiċjal tal-*Probation* jixhdu dwar il-progress reġistrat fil-ħajja tal-appellant. Il-Qorti tqies illi l-appellant minflok fittex l-għajnuna preventivament għoġbu jisfrutta il-vulnerabilità ta' tfal minorenni sabiex jissodisfa iż-żina tiegħu u għalhekk ebda piena alternattiva għal priġunerija effettiva ma tista' tiġi mill-Qorti kkunsidrata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Edwina Grima

Imħallef